**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**-vs-**

**Glen BORG detentur tal-karta tal-identità bin-numru: 281675M,**

**u**

**Godfrey GAMBIN, detentur tal-karta tal-identità' bin-numru: 243176M**

***Kumpilazzjoni Nru. 176/2015***

Illum, 20 ta' Jannar, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati **Glen Borg u Godfrey Gambin** u ċioe talli:

1. Nhar it-3 ta' Diċembru 2014 f'xi ħin filgħodu ikkommettew serq ta' dingy, mutur outboard, grass cutter, għodda u/jew oġġetti oħra minn ġo garaxx sitwat ġewwa Triq San Ġilardu, San Pawl Il-Baħar, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' Ewro 2,329.37 u l-lok għad-detriment ta' Victor George Scerri u /jew ta' xi persuna/i entita' jew entitajiet oħra;

2. Fl-istess żmien u ċirkostanzi biddlu, rranġaw mill-ġdid jew ħassru marka ta' reġistrazzjoni ta' vettura fuq vettura bil-mutur ACA 798 jew xort 'oħra bagħbsu mal-pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur.

Lil Glen BORG waħdu, talli b'diversi atti magħmulin minnu, anke jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmulha b'riżoluzzjoni waħda:

3. F'xi ġurnata bejn it-30 ta' Settembru 2014 u t-23 ta' Novembru 2014 ikkommetta serq ta' ammont ta' xorb alkoħoliku u/jew oġġetti oħra minn ġo garaxx sitwat ġewwa Triq San Ġilardu San Pawl Il-Baħar liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' Ewro 2329.37 u bil-lok għad-detriment ta' Daryl Delicata u/jew ta' persuna/i entita' u/jew entitajiet oħra;

4. Nhar it-30 ta' Diċembru, 2014 għall-ħabta tas-18:00hrs ikkommetta serq ta' ammont ta' xorb alkoħoliku u/jew oġġetti oħra minn go garaxx sitwat ġewwa Triq Dun Anton Tabone, San Ġiljan, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' €2329.37, bil-lok u bil-ħin għad-detriment ta' Daryl Delicata u/jew ta' xi persuna, persuni, entita u/jew entitajiet oħra;

5. B'hekk ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal tlett snin, mogħtija lilu nhar it-3 ta' Lulju 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati kif preseduta mill Maġistrat C. Peralta;

6. Ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' ordni ta' probation għal żmien tlett snin mogħtija lilu nhar il-15 ta' Diċembru 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati kif preseduta mill-Maġistrat Dr. N. Camilleri LL.D.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fis-16 ta' Mejju, 2024.

Ikkunsidrat,

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Lulju, 2023, is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fis-16 ta' Novembru 2016, ġiet dikjarata nulla u bla effett biex konsegwentement ġiet mħassra. Dik il-Qorti bagħtet l-atti ta' dan il-proċediment lil din il-Qorti sabiex tkun tista' tgħaddi għas-sentenza mill-ġdid in segwitu tal-ammissjoni minnhom rreġistrata dakinhar tas-16 ta' Novembru, 2016.

Rat li fis-seduta tal-lum l-imputati, għal kull buon fini, reġgħu ikkonfermaw l-ammissjoni tagħhom;

Illi din il-Qorti, *ex abundanti cautela*, osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-

imputati wieġbu li huma ħatja għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w huma ngħataw żmien xieraq sabiex jekk riedu jerġgħu lura minnha u dan anke billi ikkonsultaw mal-legali tagħhom hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Rat ix-xiehda;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħhom, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom kif minnhom ammessi.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, tal-fedina penali xejn feliċi tagħhom, tal-ammissjoni ferm bikrija tagħhom quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u ċioe fl-2016, kif ukoll tar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation in kwantu għall-imputat Gambin.

Ittieħed kont ta' dak ddikjarat mill-vittma tas-serqa mwettqa fit-3 ta' Diċembru 2014 fejn saħaq li ma xtaqx li l-imputat Gambin jingħata piena karċerarja.[1]

Ma setgħetx ma tkunx konsiderazzjoni impellenti dik li dan il-każ jirrigwardax reati li saru aktar minn għaxar (10) snin ilu, fejn ma jistax jingħad li dan id-dewmien kien dovut interament għall-istess imputati.

Tenut kont li l-imputati ammettew anke għall-adebitu tar-reċidiva kif ukoll, fil-każ ta' Borg, ksur ta' Ordni ta' Probation u ta' sentenza sospiża, il-Qorti hi prekluza milli tagħti sentenza sospiża.

[1] Fol.125

Fil-fehma tal-Qorti ikkunsidrati dawn il-fatturi li sar aċċenn għalihom, ma hux il-każ li tingħata piena karċerarja, u ghalkemm in vista ta' dak li jipprovdi l-*proviso* għall-artikolu 7(2) tal-Att dwar il-Probation, reż applikabbli anke għall-artikolu 22 tal-Att, il-Qorti tqis li dan hu każ fejn biex tassew isir ġustizzja kemm mal-partijiet leżi kif ukoll mal-imputati, dan għandu jsib applikazzjoni.

L-imputati illum għandhom l-età tagħhom u jgħarrfu sew ir-responsabiltajiet tagħhom u aktar minn hekk, li hu esklussivament l-interess ewlieni tagħhom, li ma jersqux aktar lejn l-għatba tal-Qorti. Għalhekk il-Qorti ma ttarax li għandhom jintefqu flus il-poplu sabiex dawn l-istess adulti jiġu segwitu minn uffiċjal tal-probation b'ordni ta' superviżjoni.

Iktar minn hekk, ġaladarba l-Qorti qed tapplika d-dispożizzjoni tal-Artikolu 22 tal-Att, f'każ li dawn l-imputati jerġgħu jxellfu difrejhom mal-ġustizzja, il-Qorti ser tkun qed tittratta magħhom għar-reati oriġinali, reati li jġorru piena inkarċerazzjoni l-fuq minn seba' (7) snin.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti,

(a) Fil-konfront ta' Godfrey Gambin u Glen Borg,

wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261(b)(c)(e) 263, 264, 265, 267, 269(g), 278, 279(b), 280, 281 u 289 tal-Kodiċi Kriminali w ir-regolament 44(4)(6) tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (L.S.368.02), u

(b) Fil-konfront ta' Glen Borg waħdu, wara li rat ukoll l-artikoli 18, 28B, 261(f) u 270 tal-Kodiċi Kriminali,

issibhom ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tafhom, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 moqri flimkien mal-proviso għall-artikolu 7(2) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, qiegħda toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputati a favur ta' Victor George Scerri u Daryl Delicata għal żmien tlett (3) snin millum.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**